# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 703/10/2 MH**

**Lombard Bank Malta p.l.c. (C-1607)**

**v.**

**Allegro Andante Limited (C-24105) u b'digriet tad-9 ta' Awwissu 2023 ġew nominati Dr. Mario Caruana u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bħala kuraturi biex jirrappreżentaw lis-soċjetà Allegro Andante Limited**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Lombard Bank Malta p.l.c. (minn issa 'l hemm imsejjaħ ukoll bħala 'Lombard), minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar it-28 ta' April, 2023, li biha: (i) ħaddnet u għamlet tagħha l-pregradwazzjoni tal-krediti hekk kif imħejjija

mill-perit ġudizzjarju mqabbad minnha, b'dan illi kellhom qabel xejn jiġu sodisfatti l-ispejjeż ġudizzjarji ta' dawn il-proċeduri, b'riħet l-**Artikolu 2003 tal-Kodiċi Ċivili**; (ii) iddikjarat li l-flejjes li ġew depożitati taħt l-awtorità tagħha fis-somma sħiħa ta' €1,005,000, permezz taċ-ċedoli bin-numri 189/2012 u 1433/2012, rispettivament, għandhom iservu biex jitħallsu l-kredituri skont il-pregradwazzjoni stabbilita u dan fl-ammonti u bl-imgħaxijiet hemmhekk imsemmija; u (iii) fl-aħħar nett ordnat li kull kreditur konkorrent għandu jħallas l-ispejjeż skont il-kreditu relattiv tiegħu.

**Daħla**

2. Fis-26 ta' Mejju, 2010, Lombard Bank Malta p.l.c., bħala xerrej *animo compensandi* tal-fond bl-isem ta' '*Allegro Andante Restaurant'* u bl-indirizz ta' '130, Triq Spinola, f'San Ġiljan', ressaq fl-atti tal-bejgħ bl-irkant bin-numru 22/2007 (li jġibu l-istess isem ta' dawn il-proċeduri), ċedola ta' kompensazzjoni, kif ukoll rikors kontestwali li b'dan tal-aħħar talab lill-Qorti sabiex tapprova t-tpaċija b'riħet l-**Artikolu 337(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Il-prezz offrut minn Lombard għal-liberazzjoni tal-imsemmi fond kien dak ta' miljun u ħamest elef ewro (€1,005,000.00), u peress li dan il-prezz ma kienx jaqbeż l-ammont imfittex minn Lombard, Lombard ma ddepożita l-ebda flejjes flimkien maċ-ċedola ta' kompensazzjoni.

3. B'żewġ tweġibiet separati li tressqu fl-istess jum tal-24 ta' Ġunju, 2010, kemm il-kumpanija Allegro Andante Limited, kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ċaħdu li l-kreditu mfittex minn Lombard kien jippregradwa fuq kull kreditu ieħor dovut minn Allegro Andante Limited, u minħabba f'hekk opponew għat-tpaċija mitluba mill-istess Lombard.

4. Fid-dawl ta' din l-oppożizzjoni, l-Ewwel Qorti ordnat il-ftuħ ta' konkors tal-kredituri skont il-liġi, u dan b'digriet tat-12 ta' Lulju, 2010.

5. B'rikors imressaq fid-19 ta' Lulju, 2010, Lombard reġa' stieden lill-Ewwel Qorti sabiex tilqa' t-talba tiegħu għall-approvazzjoni tat-tpaċija skont iċ-ċedola ta' kompensazzjoni mressqa minnu fis-26 ta' Mejju, 2010, u dan taħt kull provvediment li jidhrilha xieraq, fosthom billi jipprovdi garanzija bankarja biex jagħmel tajjeb għal dawk il-krediti li skont il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u Allegro Andante Limited, kienu jippregradwaw il-kreditu dovut lilu.

6. Wara li b'digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2012, l-Ewwel Qorti laqgħet f'biċċa minnha t-talba ta' Lombard u ordnat it-tpaċija parzjali fl-ammont ta' erba' mija u ħamsin elf ewro (€450,000) taħt għadd ta' kundizzjonijiet li ssemmew fl-istess digriet, fis-7 ta' Frar, 2012, il-Bank appellant, permezz ta' ċedola ta' depożitu li ġġib in-numru 189/2012, ippreżenta taħt

l-awtorità tal-Ewwel Qorti l-bilanċ tal-prezz fis-somma ta' ħames mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€555,000).

7. Aktar tard, u wara li b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2012, il-Qorti tal-Appell ħassret id-digriet tat-2 ta' Frar, 2012 dwar it-tpaċija, Lombard ressaq taħt l-awtorità tal-Ewwel Qorti, il-kumplament tal-prezz ta' erba' mija u ħamsin elf ewro (€450,000), u dan permezz ta' ċedola ta' depożitu bin-numru 1433/2012. B'hekk Lombard ġie li ddepożita b'żewġ ċedoli, it-total ta' miljun u ħamest elef ewro (€1,005,000.00).

8. B'kollox kienu sitta l-kredituri ta' Allegro Andante Limited li ħadu sehem fil-konkors għall-flejjes depożitati minn Lombard. Dawn kienu: (i) Lombard Bank Malta p.l.c.; (ii) il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; (iii) Blye Engineering Company Limited; (iv) Dr. Mark Miggiani; (v) John Cutajar; u (vi) C & L Calleja Trading Limited.

9. Mal-mixi tal-proċeduri, kemm il-Kummissarju tat-Taxxi kif ukoll Dr. Mark Miggiani rtiraw mill-konkors, u dan billi filwaqt li dak tal-ewwel issurroga l-jeddijiet tiegħu lil Lombard, min-naħa l-oħra, Dr. Mark Miggiani rtira għalkollox il-pretensjonijiet tiegħu, wara li stqarr li Allegro Andante Limited ma kinitx għadha debitriċi tiegħu.

10. B'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti, fuq talba ta'

Lombard, ħatret lill-Avukat Dr. Richard Galea Debono bħala perit ġudizzjarju u ordnatlu sabiex *«jisma' l-provi dwar il-krediti, jiggradwa l-istess u jirrelata.»*

11. B'rapport imressaq fid-29 ta Settembru, 2021, (f'paġni 462 sa 477 tal-atti tal-kawża) il-perit ġudizzjarju, wara li fisser il-pożizzjoni relattiva ta' kull kreditur konkorrent, ħareġ b'din l-iskema ta' pregradwazzjoni:

| **Kawża ta' Preferenza u Pregradwazzjoni** | **Somma Pregradwata** |
|---|---|
| | |
| **<u>L-Ewwel Grad</u>**<br><br>Lombard Bank (Malta) p.l.c. in rifużjoni ta' spejjeż li saru fl-interess tal-kredituri kollha, f'dan il-każ it-taxxa tas-subbasta 22/2007 (Art. 2004, Kap.16);<br><br>Lombard Bank (Malta) p.l.c. in rifużjoni ta' spejjeż li saru fl-interess tal-kredituri kollha, f'dan il-każ it-taxxa tal-ispejjeż taċ-ċedola ta' depożitu numru 1433/2012 fis-subbasta 22/2007 (Art. 2004, Kap. 16); | <br><br>Tlieta u għoxrin elf, mitejn u erbatax-il ewro, tlieta u sittin ċenteżmu **(€23,214,63)**.<br><br><br><br>Sitt elef u sitta u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu **(€6,046.59)**. |
| | |
| **<u>It-Tieni Grad</u>**<br><br>Lombard Bank (Malta) p.l.c. bħala surrogat fid-drittijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) (Art. 62 Kap. 406) | <br><br>Sitta u tmenin elf, sitt mija u erbatax-il ewro u tlettax il-ċenteżmu **(€86, 614.13)**. |
| | |
| **<u>It-Tielet Grad</u>** | |

| | |
|---|---|
| Lombard Bank (Malta) p.l.c. in rifużjoni ta' self emanenti mill-kuntratt ta' self fuq imsemmi.<br><br>Kif ukoll<br><br>In forza ta' ipoteka Vol I 7308/1999 | Seba' mija u sbatax-il elf, mija wieħed u erbgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu **(€717,141,95)**. Din hi dovuta bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-ħlas effettiv.<br><br>Tnax-il elf, tmienja u erbgħin ewro, u tmienja u disgħin ċenteżmu **(€12,048.98)** inkorsi bħala spejjeż ġudizzjarji għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu. |
| | |
| **<u>Ir-Raba' Grad</u>**<br><br>Blye Engineering Limited bħala kreditriċi ipotekarja in forza ta' ipoteka ġenerali ġudizzjarja numru Vol. I 16532/2010. | Tmienja u erbgħin elf, sitt mija u ħmistax-il ewro **(€48,615.00)** bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-ħlas effettiv. |
| | |
| **<u>Il-Ħames Grad</u>**<br><br>John Cutajar bħala kreditur ipotekarju in forza ta' ipoteka ġenerali ġudizzjarja numru Vol. I 4470/2012. | Tlettax-il elf u ħames mitt ewro **(€13,500)** bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-ħlas effettiv. |
| | |
| **<u>Is-Sitt Grad</u>**<br><br>C & L Calleja Trading Limited bħala kreditriċi kirografarja tad-debitriċi. | Tliet elef, seba' mija tmienja u tmenin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu **(€3,788.62)** bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-19 ta' Frar 2008 sal-ħlas effettiv, u ħames mija tnejn u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu **(€562.55)** rappreżentanti l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ismijiet '*C&L Calleja Trading Limited v. Allegro Andante Limited'* kif jirriżulta mit-taxxa uffiċjali. |

12. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' April, 2023, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kwistjoni li kellha quddiemha bil-mod li ġej:

*«Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –*

*1. Tadotta u tagħmel tagħha l-pregradwazzjoni tal-krediti kif proposta mill-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu salv għall-fatt li fl-ewwel lok għandhom jiġu sodisfatti l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri ai termini tal-artikolu 2003 tal-Kap. 16;*

*2. Tiddikjara li l-flus li kienu depożitati taħt l-awtorità tagħha fis-somma ta' €1,005,000 permezz taċ-ċedoli numri 189/2012 inkwantu s-somma ta' €555,000 u biċ-ċedola numru 1433/2012 inkwantu s-somma ta' €450,000 għandhom iservu biex jitħallsu l-kredituri skont il-pregradwazzjoni stabbilita u fl-ammonti u imgħaxijiet indikati;*

*3. Tordna li kull kreditur konkorrent iħallas l-ispejjeż tiegħu skont il-kreditu tiegħu.»*

13. Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din il-konklużjoni kienu essenzjalment dawn:

*« […]*

*Il-Qorti evalwat dak li rrelata dwar dawn il-kredituri l-perit ġudizzjarju l-Av. Galea Debono fir-relazzjoni tiegħu –*

*[…]*

*Dwar il-pregradwazzjoni l-perit ġudizzjarju jirrelata hekk –*

| ***Kawża ta' Preferenza u Pregradwazzjoni*** | ***Somma Pregradwata*** |
|---|---|
| | |
| *<u>L-Ewwel Grad</u>*<br><br>*Lombard Bank (Malta) p.l.c. in rifużjoni ta' spejjeż li saru fl-interess tal-kredituri kollha, f'dan il-każ it-taxxa tas-subbasta 22/2007 (Art.2004, Kap.16);*<br><br>*Lombard Bank (Malta) p.l.c in rifużjoni ta' spejjeż li saru fl-interess tal-kredituri kollha, f'dan il-każ it-taxxa tal-ispejjeż taċ-ċedola ta' depożitu numru 1433/2012 fis-subbasta 22/2007 (Art.2004, Kap.16);* | <br><br>*Tlieta u għoxrin elf, mitejn u erbatax il-ewro, tlieta w sittin ċenteżmu (**€23,214.63**)*<br><br><br><br>*Sitt elef u sitta u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (**€ 6,046.59**)* |
| | |
| *<u>It-Tieni Grad</u>* | |

| | |
|---|---|
| *Lombard Bank (Malta) p.l.c. bħala surrogat fid-drittijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi (Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Art. 62 Kap.406)* | *Sitta u tmenin elf, sitt mija u erbatax-il ewro u tlettax il-ċenteżmu **(€86,614.13)*** |
| | |
| *<u>It-Tielet Grad</u>*<br><br>*John Cutajar bħala kreditur ipotekarju in forza ta' ipoteka ġenerali ġudizzjarja numru Vol. I 4470/2012.* | *Tlettax il-elf u ħames mitt ewro (**€13,500**) bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-ħlas effettiv.* |
| | |
| *<u>Ir-Raba' Grad</u>*<br><br>*C & L Calleja Trading Limited bħala kreditriċi kirografarja tad-debitriċi* | *tliet elef, seba' mija tmienja w tmenin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (**€3,788.62**) bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-19 ta' Frar 2008 sal-ħlas effettiv, u ħames mija tnejn u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu **(€562.55)** rappreżentanti l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ismijiet C&L Calleja Trading Limited vs Allegro Andante Limited kif jirriżulta mit-taxxa uffiċjali* |

*Il-Qorti tikkondividi pjenament mal-aċċertamenti fattwali u legali li għamel il-perit ġudizzjarju Dr Galea Debono u sejra tipproċedi fuq dik il-bażi.»*

14. B'rikors tal-appell imressaq fis-16 ta' Mejju, 2023, Lombard appella mis-sentenza li għadha kif issir referenza għaliha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi minflok il-pregradwazzjoni hekk kif magħmula mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tiddikjara li l-pregradwazzjoni għandha tkun dik li tirriżulta mir-rapport tal-perit ġudizzjarju u b'konsegwenza għal dan tordna li l-kredituri tal-kumpanija Allegro Andante Limited għandhom

jitħallsu skont l-istess pregradwazzjoni, fl-ammonti bl-imgħaxijiet hemmhekk imniżżla. Mill-bqija, Lombard talab il-konferma tas-sentenza appellata, bl-ispejjeż.

15. Għalkemm Blye Engineering Limited, John Cutajar, C & L Calleja Trading Limited, u d-debitriċi Allegro Andante Limited ġew notifikati bir-rikors tal-appell, dawn għażlu li ma jressqu l-ebda tweġiba bil-miktub.

16. Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu fid-dawl ta' dak li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. L-aggravju li għalih qiegħed jitressaq dan l-appell huwa wieħed, u fis-sempliċità tiegħu jikkonsisti fl-argument li l-Ewwel Qorti, filwaqt li wriet li kellha l-intenzjoni li tagħmel tagħha l-pregradwazzjoni tal-krediti, hekk kif imħejjija mill-perit ġudizzjarju, hija u tikteb is-sentenza rriproduċiet ħażin dak li rrelata dwaru l-perit ġudizzjarju, billi b'mod partikolari ħalliet barra l-krediti dovuti lill-Bank fl-ammont ta' €717,141.95 mal-imgħax legali ta' 8% fis-sena sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll is-somma ulterjuri ta' €12,048.98, li flimkien bejniethom ġew pregradwati mill-perit

ġudizzjarju fit-tielet grad.

18. Lombard iżid li hemm żbalji oħra fil-pregradwazzjoni tal-kredituri hekk kif imniżżla fis-sentenza appellata, u dan billi: (i) John Cutajar ġie pregradwat fit-tielet grad, meta skont il-perit ġudizzjarju dan suppost ippregradwa fil-ħames grad; (ii) il-kumpanija C&L Calleja Trading Limited ġiet pregradwata mill-Ewwel Qorti fir-raba' grad, meta skont il-perit ġudizzjarju l-kreditu tagħha kellu jippregradwa fis-sitt grad; u (iii) li l-kreditu tal-kumpanija Blye Engineering Limited tħalla barra għalkollox mill-pregradwazzjoni, meta skont il-perit ġudizzjarju l-kreditu ta' din kien jippregradwa fir-raba' grad.

19. F'dan l-isfond, Lombard jargumenta li l-iżbalji li hemm fis-sentenza appellata huma *«pależi»* u fuq is-saħħa ta' hekk talab għar-riforma tas-sentenza appellata, b'tali mod li din il-Qorti tiddikjara li l-pregradwazzjoni għandha tkun bħal dik li tirriżulta mir-rapport tal-perit ġudizzjarju, u b'konsegwenza għal dan tordna li l-kredituri tal-kumpanija Allegro Andante Limited għandhom jitħallsu skont l-istess pregradwazzjoni, fl-ammonti u l-imgħaxijiet hemmhekk imniżżla.

20. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, din il-Qorti jidhrilha li Lombard ressqet dan l-appell għalxejn b'xejn, għaliex għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti bi żball ikkupjat ħażin it-tabella tal-pregradwazzjoni

tal-krediti li tfasslet mill-perit ġudizzjarju, dik il-Qorti, kemm fil-konsiderazzjonijiet, kif ukoll fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, għamlitha ċara li hija kienet qiegħda toqgħod fuq il-pregradwazzjoni tal-krediti hekk kif proposta mill-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu.

21. Kemm hu hekk, fil-motivazzjonijiet ta' qabel il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, dik il-Qorti niżżlet li hija kienet qiegħda *«**tikkondividi pjenament mal-aċċertamenti fattwali u legali li għamel il-perit ġudizzjarju Dr Galea Debono u sejra tipproċedi fuq dik il-bażi**.»*

22. Hekk ukoll, fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, li tniżżlet eżatt wara l-motivazzjoni li għadha kif issir referenza għaliha, l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qiegħda, *«**tadotta u tagħmel tagħha l-pregradwazzjoni tal-krediti kif proposta mill-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu»**,* b'eċċezzjoni waħdanija u sewwasew li qabel xejn kellhom jiġu sodisfatti l-ispejjeż ġudizzjarji tal-proċeduri li għalihom ingħatat dik is-sentenza u dan b'riħet l-**Artikolu 2003 tal-Kodiċi Ċivili**.

23. Naturalment, din l-eċċezzjoni tal-aħħar (li l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwarha), ma biddlet xejn mill-pregradwazzjoni tal-krediti hekk kif imħejjija mill-perit ġudizzjarju, u għalhekk fl-essenza tagħha, is-sentenza appellata diġà tirrifletti dak li huwa mitlub mill-appellant f'dan l-appell.

24. Kif tifhimha din il-Qorti, dak li fl-aħħar mill-aħħar addottat u għamlet tagħha l-Ewwel Qorti dwar il-pregradwazzjoni tal-krediti, ma kinitx it-tabella hekk kif riprodotta minnha b'mod żbaljat f'paġni 15 u 16 tas-sentenza appellata[1], iżda *«l-pregradwazzjoni tal-krediti kif proposta mill-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu[2].»* Il-krediti msemmija minn Lombard huma kollha mniżżla fl-iskema tal-pregradwazzjoni tal-krediti fir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju u għalhekk mhuwiex il-każ li hemm xi kreditu li tħalla barra mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

25. L-iżball li qiegħed jilmenta dwaru l-appellant huwa għalhekk sempliċiment żball tal-pinna jew żelqa tat-tastiera, li ma jbiddlu xejn mill-effetti tas-sentenza appellata, u jekk xejn seta' jiġi faċilment ikkoreġut b'rikors taħt l-**Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

26. Għar-raġunijiet li jaf hu, Lombard naqas milli jressaq rikors bħal dak, u minflok għażel it-triq li jressaq dan l-appell li bih talab ir-riforma tas-sentenza appellata.

27. Għalkemm li m'hemmx dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tikkoreġi kwalunkwe żball ta' espressjoni f'sentenzi li dwarhom jitressaq

[1] Kopja ta' din it-tabella ġiet stampata f'paragrafu 13 ta' din is-sentenza.
[2] Estratt mill-ewwel paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata.

appell, u dan anke fin-nuqqas li jsir rikors taħt l-**Artikolu 825(2)** (ara ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia et.***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019), din il-Qorti ma tistax però tilqa' appell u tirriforma sentenza li l-parti dispożittiva tagħha diġà fl-essenza tagħha tirrifletti dak li qiegħed jintalab mill-appellant.

28. Fiċ-ċirkostanzi, l-appell ta' Lombard ma jistax għalhekk jiġi milqugħ, u l-ispejjeż ta' dan l-appell għandu jbatihom Lombard stess.

29. Madankollu, u sabiex jiġi evitat kull dubju, il-Qorti ser tkun qiegħda tippreċiża li kull referenza li saret fis-sentenza appellata lejn il-pregradwazzjoni tal-krediti hekk kif proposta mill-perit ġudizzjarju għandha tinqara u tinftiehem li qiegħda tirreferi għat-tabella hekk kif riprodotta f'**paragrafu 11** ta' din is-sentenza u mhux hekk kif riprodotta bi żball f'paġni 15 u 16 tas-sentenza appellata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Lombard Bank Malta p.l.c. u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi kull referenza li saret fis-sentenza appellata lejn il-pregradwazzjoni tal-krediti hekk kif proposta mill-perit ġudizzjarju għandha tinqara u tinftiehem li qiegħda tirreferi għat-tabella hekk kif

riprodotta f'**paragrafu 11** ta' din is-sentenza u mhux hekk kif riprodotta bi żball f'paġni 15 u 16 tas-sentenza appellata.

L-ispejjeż kollha ta' dan l-appell għandu jagħmel tajjeb għalihom Lombard Bank Malta p.l.c.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da